# LIL SAN PAWL

## NHAR IN-NAWFRAĠJU TIEGĦU

## FIL-GŻIRA TAGĦNA

## 1936

## SUNETT*

*Barbari vero praestabant non modicam humanitatem nobis.*

(Act. Cap. xxviii, v. 1)

Ħares, Missier, għax int ġarrabt il-mewġa,
f'liema baħar tinsab id-dgħajsa tagħna!
kien sabiħ l-ilma u kienet friska l-fewġa;
issa bil-ħalel donnu jrid jiblagħna.

Isma' l-arbli x'jitniehdu taħt il-gewġa
ta' buffuri waħxin; q'ed ibeżżagħna
it-tqarmiċ tal-ġenbejn: donnha miżżewġa
mal-Qada l-Ħiena fit-taqbida magħna.

Missier, ħarisna; ftakar li di' l-Gżira
hi l-isbaħ xhieda tal-Vanġelju tiegħek:
tħallix li Bintek targa' taqa' rsira.

Aqbad it-tmun; ħaddem l-egħruq ta' driegħek;
int mexxi d-dgħajsa; inti ħiltek kbira....
u taf, żmien ilu, kemm waqafna miegħek.

28—1—36

**Dun Karm.**

* Dan is-sunett deher f'"*Għadd Waħdieni*" li ħareġ fil-10 ta' Frar li għadda bħala tifkira tal-miġja ta' San Pawl f'Malta: iżda ħareġ bil-moħbi tiegħi u mingħajr ma bagħtuhuli xejn biex insewwi l-ħażin ta' l-istampa: ħareġ, għalhekk, b'ħafna għawġ ta' l-ortografija u b'xi kelma mibdula li neħħiet għal kollox it-tifsir tal-vers, u għamlet għajb lis-sunett kollu.

D. K.